MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Numru. 264/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Stephanie Debono ta' 25 sena, bint Leonard u Andreana nee Busuttil, imwielda Pieta nhar l-1 ta' Ottubru 1986, residenti Flat 4, Blokk G, Qasam tal-Menhir, Hal-Kirkop u detentrici tal-karta ta' l-identita numru 460786M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru 2011, kif ukoll l-granet ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1) kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew tforni d-droga 'msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordnijiet tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, l-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata llum ghandha hajja stabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Avviz Legali 292 tal-1939, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena w nofs mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ Dok JB2.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------